MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 769/2005

**Atlas Insurance Limited [C15239], kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Francis Farrugia u l-istess Francis Farrugia [ID 681053M]**

**Vs**

**Raymond Borg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ tlett mija u wiehed u sebghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm371.06c) rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenut in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara l-Marsa fl-24 t’Ottubru, 2003 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru TFB 464 habat ma’ vettura ta’ terzi bil-konsegwenza li sfat danneggjata wkoll il-

vettura numru TRV 002, proprjeta ta’ l-attur Francis Farrugia u misjuqa minn Trevor Farrugia.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija u wiehed u sebghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm371.06c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------